31986R1909

21.6.1986 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 165/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1909/86
tas-16 ta' Ġunju 1986
li jdaħħal sorvelanza fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Istati Uniti ta' l-Amerika imponiet limitazzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti mill-Komunità;

Billi dawn il-miżuri jheddu li jikkawżaw dannu lill-produtturi Komunitarji interessati;

Billi, sabiex jiġu ssalvagwardati l-interessi Komunitarji, huwa meħtieġ illi l-Komunità ddaħħal is-sorveljanza fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti podotti li joriġinaw fl-Istati Uniti ta' l-Amerika;

Billi huwa meħtieġ illi l-Istati Membri jipprovdu tagħrif rapidu lill-Kummisjoni rigward l-importazzjonijiet attwalment imwettqa,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-importazzjonijiet ġewwa l-Komunità tal-prodotti elenkati fl-Anness u li joriġinaw fl-Istati Uniti ta' l-Amerika huma hawnhekk magħmula bla ħsara għal sorveljanza Komunitarja retrospettiva jew kull dokument ieħor ekwivalenti meħtieġ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, fi żmien l-ewwel għaxart ijiem ta' kull xahar, id-dettalji dwar il-kwantità u l-valur statistiku, imqassma skond in-nomeklatura *NIMEXE*, ta' l-importazzjonijiet li joriġinaw fl-Istati Uniti ta' l-Amerika għal kull wieħed mill-prodotti elenkati fl-Anness, attwalment imwettqa matul ix-xahar li jiġi immedjatament qabel ix-xahar ta' qabel.

2. L-ewwel komunika għandha ssir mhux iktar tard mill-10 ta' Lulju 1986, li tkopri l-importazzjonijiet imwettqa f'Mejju.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-16 ta' Ġunju 1986.

Għall-Kunsill

Il-President

H. VAN DEN BROEK

ANNESS

In-Numru ta' l-intestatura tas-*CCT*	Id-Deskrizzjoni
02,01	Il-laħam u l-ġewwieni li jittiekel ta' l-annimali li jidħlu fl-intestatura bin-Nru 01.01, 01,02, 01.03 jew 01.04, friski, imkessħa jew iffriżati: A. Il-laħam I. taż-żwiemel, il-ħmir, il-bgħula je il-bgħula tar-rkib B. Il-ġewwieni: II. Oħrajn: (b) tal-bhejjem tal-fart 2. Oħrajn
04.06	Il-Għasel naturali
06.04	Il-weraq, il-friegħi u partijiet oħra (għajr il-fjuri jew il-blanzuni) tas-siġar, l-arbuxxelli, *bushes* u pjanti oħra bħal-ħażżiż, il-likeni u ħaxix ieħor, li huma oġġetti tal-kwalità xierqa għall-bukketti jew għal skopijiet ornamentali, friski, imnixxfa, ibbliċjati, mimlija jew imħejjija xorta oħra B. Oħrajn: I. Friski
08.12	Frott, imnixxef, għajr dak li jidħol fl-intestatura bin-Nri 08.01, 08.02, 08.03, 08.04 jew 08.05
12.01	Iż-żrieragħ taż-żejt u l-frott oljoġenuż, sħaħ jew imfarrka ex B. Oħrajn: — iż-żerriegħa tal-ward tax-xemx
15.02	Ix-xaħmijiet ta' l-ifrat, in-nagħaġ u l-mogħoż, mhux renduti; renduti jew ix-xaħmijiet estratti bis-solvent (inkluż il-"*premier jus*") miksuba minn dawn ix-xaħmijiet B: Oħrajn: I. Ix-xaħmijiet mhux renduti tal-bhejjem tal-fart; ix-xaħmijiet renduti jew estratti bis-solventi (inkluż il-"*premier jus*") miksub minn dawn ix-xaħmijiet
20.07	Il-meraq tal-frott (inkluż il-mosti ta' l-għeneb) u l-meraq tal-ħxejjex ta' l-ikel sewwa jekk ikun fih iz-zokkor miżjud u sewwa jekk le, imma mhux iffermentat u ma fihx spirtu; B. Ta' densità ta 1,33 g/ċm^3 jew inqas f'temperatura ta' 20 °C II. Oħrajn: (a) Ta' valur li jaqbeż it-30 ECU għal kull 100 kg netta fil-piż 1. Il-meraq tal-lariġ 2. Il-meraq tal-*grapefruit* 4. Il-meraq ta' l-ananas bb) Oħrajn (b) Ta' valur ta' 30 ECU jew inqas għal kull 100 kg netta fil-piż 1. Il-meraq tal-lariġ: bb) Oħrajn 2. Il-meraq ta' l-ananas bb) Oħrajn

In-Numru ta' l-intestatura tas-*CCT*	Id-Deskrizzjoni
21.07	It-tħejjijiet ta' l-ikel li mhux speċifikat jew inkluż imkien ieħor: A. Iċ-ċereali fil-għamla ta' qamħ jew ta' żbul, imsajra minn qabel jew imħejjija xorta oħra: I. Il-Qamħ ir-rum G. Oħrajn: I. ma jkunx fih grassijiet tal-ħalib jew ikun fih inqas minn 1,5 % fil-piż minn dawn il-grassijiet; a) li ma jkunx fih sukrosi jew ikun fih inqas minn 5 % fil-piż ta' sukrosi (inkluż iz-zokkor invert espress bħala sukrosi) 1. Li ma jkunx fih lamtu jew ikun fih inqas minn 5 % lamtu fil-piż
22.03	Il-Birra magħmula mill-maltu
22.05	L-inbid mill-għeneb frisk; il-mostu ta' l-għeneb bil-fermentazzjoni arrestata biż-żieda ta' l-alkoħol